

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-att ikkontestat huwa vvizzjat, billi l-Kummissjoni, li żnaturat il-fatt li kien is-suġġett tal-ilment, ma kkonstatatx il-vizzji proċedurali manifesti mwettqa mill-Primaria Muniċipali Bucaresti. B'mod konkret, din tal-aħħar, qabel kolloxx, eskludiet l-offerta tar-rikorrenti minħabba allegata anomalija tal-offerta ekonomika imbagħad, wara li ndunat bil-gravità tal-illegalità li wettqet, ipprovat tiġġustifika d-deċiżjoni li diġà kienet ittieħdet b'allegati vizzji tal-offerta teknika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li quddiem l-Awtorità ġudizzjarja Rumena t-talba għal annullament tal-kuntratt ma ġietx eżaminata għal allegat nuqqas ta' ħlas ta' taxa tal-boll li tammonta għal EUR 7 300 000, bi ksur manifest tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipji Komunitarji.

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni fuq ksur ieħor allegat.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li fl-ittra kkontestata l-Kummissjoni Ewropea naqset milli tikkunsidra l-elementi l-oħra mressqa quddiemha. B'mod partikolari, b'ebda mod ma ġie evalwat li r-rikorrenti ġiet iġġudikata fl-ewwel istanza mill-istess qorti li kienet iddikjarat it-talba tagħha inammissibbli, fejn saret reviżjoni tas-sentenza tagħha fl-istadju tal-appell, u b'hekk minn qorti mhux imparzjali li jmissha ma ħaditx pożizzjoni, fejn għalhekk wettqet ksur inkontestabbli u manifest tad-drittijiet tad-difiża, tal-prinċipji Komunitarji u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-talba għall-ħlas ta' danni, ir-rikorrenti ssostni li l-inerzja attribwibbli lill-Kummissjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' revoka tal-finanzjamenti Komunitarji mogħtija lir-Rumanija fl-ambitu tal-proġett inkwistjoni, ħolqot dannu ekonomiku kunsiderevoli minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku ta' xogħolijiet jew tat-telf ta' opportunità ta' għoti tal-istess kuntratt u, fi kwalunkwe każ, dannu moratorju li ġiegħel lir-rikorrenti tidħol f'kontenzjuż finanzjarjament oneruż quddiem l-Awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2011 — Italiana Calzature vs UASI — Vicini (Giuseppe GIUSEPPE ZANOTTI DESIGN)**

(Kawża T-336/11)

(2011/C 252/85)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Società Italiana Calzature SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: A. Rapisardi u C. Ġinevra, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Vicini SpA (San Mauro Pascoli, l-Italja)

#### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tat-8 ta' April 2008 fil-proċedim�eny Nru R 0634/2010-2 u għaldaqstant,

tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' Oppożizzjoni tal-5 ta' Marzu 2010 dwar l-oppożizzjoni Nru 1350711

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż kollha ta' din il-kawża

#### Motivi u argumenti prinċipali

**Applikanti għat-trade mark Komunitarja:** VIĊINI S.p.a.

**Trade mark Komunitarja kkonċernata:** trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "GIUSEPPE" (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 513 386), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18 u 25

**Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:** ir-rikorrenti

**Trade mark jew sinjal invokat:** trade mark Komunitarja verbali "ZANOTTI" (Nru 244 277), għal prodotti fil-klassi 25, u trade mark figurattiva Taljana li tinkludi l-element verbali "Zanotti", għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25

**Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:** oppożizzjoni parzjalment milqugħa

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

**Motivi invokati:** interpretazzjoni u applikazzjoni inkorretti tal-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2011 — Italiana Calzature vs UASI — Vicini (Giuseppe BY GIUSEPPE ZANOTTI)**

(Kawża T-337/11)

(2011/C 252/86)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Società Italiana Calzature SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: A. Rapisardi u C. Ġinevra, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Vicini SpA (San Mauro Pascoli, l-Italja)

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tat-8 April 2011 dwar il-Każ R 0918/2010-2, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tat-30 ta' April 2010 dwar l-oppożizzjoni Nru 992653

— tikkundanna lill-UASI għall-ħlas lura sħiħ ta' spejjeż u taxxi ta' din il-proċedura

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* VIĊINI S.p.A.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark figurattiva li fiha l-element verbali "Giuseppe BY GIUSEPPE ZANOTTI" (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 992653) għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Ir-rikorrenti

*Trade mark u sinjal invokat:* Trade mark Komunitarja verbali preċedenti "ZANOTTI" (m. 244 277), għall-prodotti fil-klassi 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni parzjalment milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Oppożizzjoni miċħuda fit-totalità tagħha

*Motivi invokati:* Interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2011 — Getty Images vs UASI (PHOTOS.COM)**

(Kawża T-338/11)

(2011/C 252/87)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Getty Images (Seattle, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P.G. Olson, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' April 2011 fil-Każ R 1831/2010-2; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark verbali "PHOTOS.COM" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 42 u 45 — applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 8549991

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7(1)(b) u (c) u 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009 inkwantu l-Bord tal-Appell: (i) kien żbaljat meta qies li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni hija deskrittiva tal-prodotti/servizzi li għalihom intalbet ir-reġistrazzjoni; (ii) żbalja billi injora l-fatt li l-isem tad-domain irreġistrat tar-rikorrenti

jikkorrispondi għal trade mark li ntalbet ir-reġistrazzjoni tagħha u għandha effett fuq l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tal-marka; u (iii) evalwa b'mod żbaljat li d-dokumentazzjoni ma kinitx biżżejjed biex tistabbilixxi li t-trade mark kienet kisbet karattru distintiv u bbaża ruħu fuq raġunament u interpretazzjoni żbaljata tal-provi prodotti. Ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali u tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-Bord tal-Appell kien żbaljat meta rrifjuta l-importanza tal-fatt li l-UASI, bħala parti minn talba preċedenti, aċċetta r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark "PHOTOS.COM" għal prodotti u servizzi simili.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2011 — Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża T-339/11)

(2011/C 252/88)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. Muñoz Pérez, aġent)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/244/UE, tal-15 ta' April 2011, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), fil-parti li hija s-suġġett tar-rikors preżenti, u

— tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka li fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni teskludi mill-finanzjament ċerti spejjeż tal-ġestjoni ambjentali tal-imballaġġ (li jikkorrispondu għas-snin 2006, 2007 u 2008), li jammontaw għal EUR 37 252 551,10.

F'dan ir-rigward ir-rikorrent jiddikjara li permezz tad-Deċiżjoni 2010/152/UE, il-Kummissjoni eskludiet mill-finanzjament akkarigu tal-FAEGG is-somma ta' EUR 33 339 525,05, relatata mal-għajnuna għall-programmi operazzjonali, billi kkunsidrat li l-għajnuna Komunitarja intiża sabiex tkopri l-ispejjeż sostnuti għall-ġestjoni ambjentali tal-imballaġġ matul is-snini ta' bejn l-2003 u l-2006 ma kinitx ingħatat skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Ewropea. Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat mir-Renju ta' Spanja, rikors li huwa attwalment pendenti fil-Kawża T-230/10.

L-argumenti mressqa insostenn ta' dan ir-rikors huma identiċi għal dawk imressqa fil-Kawża T-230/10.